4 ta' Ġunju, 1955

Imħallef:
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Alfred Vella

**Bejgħ — Lampi tad-Dawl Elettriku — "Bulbs" — "Lamps" — "Candle-Lamps" — "Fancy Goods"**

*Il-kelma "bulbs", applikata għall-lampi elettriċi, hija terminu ġeneriku, li billfors tikkomprendi wkoll il-"candle lamps". Għax "lamp" hija "bulb", kif "bulb" hija "lamp". B'mod li l-"candle lamps" ma jaqgħux fil-kategorija ta' "fancy goods"; u għalhekk huma suġġetti għall-ordni li jiffissa l-ogħla prezz li bih jistgħu jinbiegħu l-lampi tad-dawl elettriku.*

Il-Qorti;

Rat iċ-ċitazzjoni kontra l-imputat quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta talli l-Belt Valletta, f'dawn ix-xhur, biegħ lampi tal-luċe elettrika lil Joseph Azzopardi 2s. 9d. l-waħda minflok 2s. 5d.— prezz ogħla minn dak li huwa fissat mill-liġi:

Rat it-talba tal-Pulizija li jiġi applikat ir-regolament 17 (3) (b) tal-G.N. 234 tal-1952, billi l-imputat ġie misjub ħati darb'oħra;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-31 ta' Marzu, 1955, li biha sabet l-imputat ħati skond l-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, u kkundannatu għall-multa ta' £10, u ordnatlu li jirrifondi lil Joseph Azzopardi s-somma ta' 2s.

fi żmien ħmistax il-ġurnata, taħt penali ta' £2 għal kull ġurnata ta' ritard;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata u li hu jiġi assolt;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Ir-raġunamenti li wasslu l-Maġistrat deċident in prima istanza għall-konklużjoni kontenuta fis-sentenza appellata huma kondiviżi mill-Imħallef sedenti;

Din il-Qorti żżid dawn ir-riflessjonijiet;

Il-liġi ssemmi "bulbs". Din il-kelma hi indubbjament terminu ġeneriku, u bilfors tikkomprendi wkoll il-"candle-lamps" "Lamp", difatti, hi "bulb", bħal ma "bulb" hi "lamp". L-imputat fix-xhieda tiegħu qal li hu ma hux qiegħed jagħmel distinzjoni bejn "lamp" u "bulb"; biss jippretendi li taħt il-kelma "bulb" li hemm fil-liġi jidħlu biss il-"house-hold lamps", iżda mhux il-"fancy lamps"', bħal ma jallega li kienu dawn in kwistjoni. Hu jgħid li huma "fancy lamps" għaliex għandhom filament speċjali. Għalkemm dawn il-lampi għandhom dak it-tip ta' holder "bayonet type", u mhux "screw", eppure, peress li hemm lampi li għandhom dan il-holder u "bayonet type" u intant ma għandhomx il-filament speċjali, għalhekk l-imputat ma jippretendix li l-lampi in kwistjoni huma "fancy goods" minħabba l-holder, imma biss minħabba l-filament speċjali li għandhom;

Issa, għalkemm dawn il-lampi jistgħu anki jintużaw bħala "reading-lamps", għall-okkorrenza, eppure hu veru li ordinarjament jintużaw għall-"chandeliers". B'daqshekk, però, ma jsirux "fancy goods", għax ix-"chandeliers" ma huma xejn ħaġa mhux ta' użu normali u ordinarja fid-djar. Kif dari kien ikun hemm, l-ewwel il-linfi tax-xemgħat, mbgħad il-lampi kbar tal-pitrolju mdendlin b'fili ta' ktajjen mis-saqaf għal nofs il-kamra, u aktar tard il-linfi bil-brazzi tal-gass, il-lum hemm dawn il-linfi li, b'imitazzjoni tax-"chandeliers" taż-żmienijiet antiki, għandhom "fac-simile" ta' xemgħat, anzi ţaparsi b'taqtir ta' xemgħa, li fihom jiġu mwaħħlin dawn il-"candle-lamps" elettriċi, li, biex ikomplu jirriproduċu l-idea tal-fjamma tax-xemgħa, għandhom fila-

ment speċjali. B'daqshekk, però, dawn il-linfi moderni qegħedin, l-istess bħal dari, jissodisfaw mhux xi fini ta' lussu, imma l-fini utilitarju ta' illuminazzjoni domestika ta' kulljum. Oġġett ta' lussu hu oġġett li ma hux korrelatat *ma' l-idea ta' utilità* jew *neċessità*. Hekk huma, kif sewwa osserva l-Maġistrat, il-"fairy lights", jew "star lights", li jservu biex iżejnu presepju fl-istaġun opportuna, bla ma jaqdu ebda skop ieħor utilitarju jew ta' bżonn;

Għalhekk, l-argument ta' l-imputat, li l-filament speċjali jóħroġ dawn il-"*candle-lamps*" mill-kategorija *elenkata* fl-iskeda, u jirrendihom "fancy goods", ma hux konfortat la mill-fatt u lanqas mil-liġi;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi;

Billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Iż-żmien ta' ħmistax il-ġurnata prefiss mill-Ewwel Qorti għar-rifużjoni ta' parti tal-prezz jibda jgħodd millum. Tagħti lill-appellant żmien xahar għal-ħlas tal-multa.